MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2007

Numru 1565/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**Linsey Maire Harrington**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Linsey Marie Harrington** ta' 24 sena, bint Joseph Harrington u Monica *nee'* Fenech, imwielda Pieta' fil-25 ta' Mejju, 1983 u residenti 70, Flat 1 Misrah Arcisqof Gonzi, Kalkara, u detentrici tal-karta tal-identita' numru 283583M;

Talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-22 ta' Dicembru, 2007 ghyall-habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' filghodu (01:45hrs) gewwa Paceville, San Giljan:

1. Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PS 69 J. Cremona persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
2. Ingurjajt, heddedt jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' PS 69 J. Cremona, PS 891 O.Badacchino u PS 297 T. Baldacchino persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. Ikkagunajt feriti ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' PS 69 J. Cremona.
4. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.
5. Ma obdietx l-ordnijiet legittimi ta' PS 69 J. Cremona PS 891 O. Baldacchino u PS 297 T. Baldacchino, persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliethomx jew fixklithom waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'mod iehor, bla jedd indahlet fi dmirijiethom billi ma hallietx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi gabet fix-xejn jew hsarat dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha;
Rat l-artikokli 96(1), 95, 221(1), 338 (dd) (ee) Kap 9
Wara li hadet konjizzjoni tal-fatt illi l-imputata ghandha fedina penali nadifa u ghalhekk l-imputata ghandha tkun trattata bhala *first offender*
Tilliiberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx rejat iehor sa zmien sitt (6) xhur mil-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446.
Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputata naxxenti minn din is-sentenza;

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz ikun trattat bil-procedura sommarja, tordna li dawn l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------